Apr 2019

# ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR

# Kunsill li baqa' magħqud u ġab ir-riżultati





## *Council based on unity and results*

# INVESTIMENT ta' €40,000 FIL-BDIL TAS-SAFETY MATS

*Replacement of Safety Mats*

DEVELOPMENT PLANNING FUND

Bejn Ottubru 2018 u Marzu 2019 il-Kunsill Lokali kompla jinvesti fl-ispazji rikreattivi tan-Nadur, u din id-darba nbidlu il-'cushions' tal-playing fields ta' Ġnien il-Kunsill, San Blas u tal-Ħali. Dan b'fondi diretti mid-Development Planning Fund (Awtorita' tal-Ippjanar) u b'hekk issa il-playing fields kollha reġgħu jinstabu fl-aqwa stat possibli.

*Replacement of safety mats in all playing fields thanks to DPF Funds (PA).*















# Mexxejt b'għaqal u impenn!

**Edward Said**
*Sindku*



Erba' snin ilu kkontestajt għall-ewwel darba l-elezzjoni għall-Kunsill Lokali u n-Nadurin għoġobhom jagħtuni fiduċja kbira tant li spiċċajt is-Sindku tar-raħal tagħna. Ma stajtx ma nifraħx iżda wara ħsibt li l-fiduċja li tawni n-nies ridt insarrafha fl-aqwa riżultati biex isem in-Nadur u n-Nadurin jitla' dejjem iktar 'il fuq. Ridt li mill-bidu nett inżomm komunikazzjoni u kuntatt kontinwu mar-residenti.

Mill-ewwel fhimt li l-Kunsill li ġejt magħżul biex immexxi kien magħmul min-nies b'opinjonijiet u ħsibijiet differenti, kemm politikament kif ukoll fil-mod ta' kif jaħsbu u jaraw l-affarijiet. Iffukajt ħafna fuq l-għaqda bejn il-Kunsilliera u hekk, flimkien irnexxielna noħolqu team tajjeb li ħadem u ġab ir-riżultati.

Xtaqt u ridt li ngħinu bis-serjetà lil kull għaqda jew entità u fl-istess ħin noħolqu inizjattivi ġodda biex kulħadd jagħti sehmu. U kien propju għalhekk li kabbarna l-attivitajiet u ħloqna oħrajn ġodda li kienu kemm ta' livell kif ukoll tal-massa. Illum l-għaqdiet tar-raħal jitkellmu waħidhom fuq kif mexa magħhom il-Kunsill Lokali. Żgur li ħadd minnhom ma jista' jgħid li xi darba talab l-għajnuna jew is-sostenn u ma sabx l-appoġġ tagħna f'kull sens.

B'ħafna għaqal u impenn irnexxielna nakkwistaw ħafna fondi sabiex bihom stajna nwettqu proġetti importanti, filwaqt li llum nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill ġiet sostenibbli. Konna għaqlin, ma xxaħħaħna ma' ħadd u fl-istess ħin ħallejna qagħda finanzjarja f'saħħitha. Dan kien kollu frott tal-għaqal li bih imxejna.

Illum inħares lura b'sodisfazzjon li ksibna ħafna għan-Nadur u n-Nadurin, iżda fl-istess waqt inħares 'il quddiem b'kuraġġ, determinazzjoni u konvinzjoni li kapaċi nagħmlu iżjed għax nafu minn fejn tlaqna, fejn ninsabu u fejn irridu naslu. B'umiltà u b'kuxjenza nadifa nistqarr li dejjem urejt rispett lil kulħadd, dejjem ħdimt ma' kulħadd u dejjem ftaħt il-bibien beraħ għal ħuti n-Nadurin. Fl-aħħar mill-aħħar konvint li wasalt fejn wasalt għax żammejt kelmti li l-fiduċja li tawni n-Nadurin inroddielhom lura kif jixirqilhom. Konvint ukoll li bl-għaqda u bil-fiduċja nistgħu nagħmlu iżjed f'ġieħ in-Nadur tagħna. Mexxejt b'għaqal u b'impenn. Hekk wegħdkom, u hekk għamilt.

Grazzi tal-fiduċja lbieraħ, illum u għada.



**Eucharist (Karistu) Camilleri**
*Viċi Sindku*

Dħalt fil-politika lokali f'April tal-1996 u servejt bħala Sindku. Minn dakinhar sallum, dejjem servejt bl-akbar onestà u lealtà lejn ir-residenti. Ħdimt kemm flaħt biex inġib il-lokalità tagħna 'l quddiem. Kont il-vuċi tar-resident u żammejt kuntatt kontinwu u nemmen li ssarraf f'ħafna ġid. Ħdimt mill-qrib mas-Sindki kollha u l-Kunsilliera li ġew eletti fil-Kunsill. F'kull leġislatura għandi storja x'nirrakkonta...fl-aħħar żewġ leġislaturi servejt bhala viċi Sindku.

F'din il-leġeslatura ħdimna ħafna. Wettaqna. Ser inħallu struttura ferm f'saħħitha b'pedamenti sodi għall-futur. Mill-proġett tal-pjazza, toroq urbani, ġemellaġġ, attivitajiet kulturali, sportivi u soċjali, grawnd ġdid bit-terf u manutenzjoni għaddejja s-sena kollha.

Fuq nota personali, ġejt elett fil-Presedium tal-Kumitat Ewropew għall-Kumunitajiet Rurali. Kien ta' sodisfazzjoni personali li żammejna l-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' dan il-Kumitat f'Lulju 2018 fin-Nadur fejn 220 delegat ġejjin mis-26 pajjiż tal-Unjoni Ewropea ġew ospitati minn familji fin-Nadur. Għal darb' oħra poġġejna lin-Nadur fuq livell Ewropew. Ħriġna bl-unuri kollha u dan lili jagħmilni ferm sodisfatt.

Nirringrazzja lis-Sindku Edward Said tal-fiduċja tiegħu u ta' sħabi l-Kunsilliera li ħdimt magħhom mill-qrib. L-esperjenza tiegħi fil-ħajja tal-politika tiegħi mhux ser tieqaf hawn. Fil-25 ta' Mejju 2019, b'umiltà ser nerġa' nkun kandidat għall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali. Mill-ġdid qed nofri s-servizz tiegħi biex bl-esperjenza li ksibt matul is-snin, b'valuri sodi u b'determinazzjoni lest li nservi u naħdem biex inkun il-vuċi tiegħek jekk mill-ġdid nerġa' ningħata l-fiduċja.

# INVESTIMENT ta' €500,000 F'BINI MILL-ĠDID TA' TOROQ RURALI

*Resurfacing of Rural Roads*



Wara li kważi tlett snin ilu l-Kunsill Lokali applika b'suċċess għal fondi Ewropej taħt il-Miżura 4.3 (relatata ma' toroq rurali), il-Kunsill ingħata aktar minn nofs miljun ewro sabiex jibni mill-ġdid Triq Xurdin u Triq Inżul il-Franċiżi, kif ukoll sabiex ikompli Triq Wied Binġemma. Dan ix-xogħol sar fl-aħħar sitt xhur u illum qed nagħtu lill-bdiewa, residenti u viżitaturi toroq mill-isbaħ f'inħawi mill-aqwa fin-Nadur.

*Resurfacing of rural roads under M4.3 (EU funds) of Binġemma Valley, Xurdin Street and Inżul il-Franċizi Street.*











# INVESTIMENT TA' €25,000 F'WIĊĊ ĠDID TRIQ ŻRAJK

*Resurfacing of Zrajk Street*

Wara li ra l-istat diżastruż ta' din it-Triq li twasslek għall-wied, u li fiha hemm numru ta' residenti, u anke peress li l-ebda patching ma kien għadu tajjeb għaliha, il-Kunsill irnexxielu jwarrab fondi sabiex jagħti wiċċ ġdid tal-konkrit lil din it-triq urbana – rurali. B'hekk in-Nadurin u l-bdiewa issa għandhom triq oħra li issa jistgħu jaċċessaw u li twassalhom f'wieħed mill-isbaħ widien tan-Nadur.

*Resurfacing of Żrajk Street (leads to valley) in concrete due to its disastrous state.*











**Dr. Josianne Cutajar**
*Kunsilliera*

Għaddew 4 snin oħra ta' ħidma u daqt tiġi fi tmiemha leġislatura oħra, leġislatura li kienet it-tieni waħda tiegħi bħala Kunsilliera tar-raħal sabiħ tagħna, in-Nadur. Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lilkom ir-residenti tal-fiduċja u l-appoġġ tagħkom matul dawn l-aħħar 7 snin. Nirringrazzjakom għall-ideat u s-suġġerimenti li ressaqtu lejna l-Kunsilliera li ċertament għenuna ntejbu l-ħidma u l-ambjent ta' raħalna għall-ġid tagħna n-Nadurin. Grazzi tmur ukoll għall-għaqdiet, is-soċjetajiet u l-voluntiera Nadurin li flimkien mal-Kunsill Lokali tant jaħdmu bla heda għal raħalna. Filwaqt illi baqagħli biss ftit ġimgħat bħala Kunsilliera, nassigurakom li se nibqa' grata lejkom għax għallimtuni ħafna. Ċertament li l-esperjenza li tajtuni se nibqa' nġorrha f'moħħi u f'qalbi kull fejn immur. Kburija li ngħatajt iċ-ċans li nirrappreżentakom, kburija bikom u se nibqa' kburija b'raħalna.

# Xogħol ta' Rinnovazzjoni
# Soft Area Triq it-Tramuntana

*Renovation of North Street Soft Area*

Il-Kunsill Lokali daħal fi qbil ma' ELC sabiex jibdew jieħdu ħsieb il-manutenzjoni ta' din is-soft area u jagħtuha ħajja u dehra ġdida.

*Agreement with ELC for the continuous maintenance of this soft area.*





**Dr. Rita Mifsud**
*Kunsilliera*

Meta ftit aktar minn ħdax-il sena ilu bdejt inservi bħala kunsillier, ridt li bil-ħiliet tiegħi nagħti kontribut biex bħala kunsill inkomplu nibnu fuq dak li ħallew ta' qabilna. Ilum il-ġurnata nħares lura b'sodisfazzjon u ngħid li dan irnexxielna nagħmluh minkejja l-isfidi.

B'mod partikolari f'din l-aħħar leġislatura, l-Kunsill kien rinfaċċat b'sitwazzjoni finanzjarja li riedet tiġi indirizzata. Sitwazzjoni li żvolġiet proprju għaliex il-Kunsill qatt ma qagħad lura milli jidħol għal proġetti ambizzjuzi biex itejjeb l-infrastruttura tar-raħal. Dan l-aħħar Kunsill ħadem biex iġib 'il quddiem anke s-sitwazzjoni finanzjara tal-Kunsill, u rnexxielna wkoll inġibu finanzjament sabiex isiru wkoll proġetti kapitali f'din il-leġislatura mingħajr ma dawn ikunu ta' piż finanazjarju fuq il-Kunsill. Anke fejn jidħlu attivitajiet, il-Kunsill assigura li dawn jibqgħu jsiru regolarment u li jkunu tal-livell li issa huwa mistenni mill-Kunsill Lokali tan-Nadur.

Inizjattiva li għalija kienet waħda mill-iktar pożittivi matul din il-leġislatura kienet meta n-Nadur ospita l-laqgħa annwali taċ-Charter of European Rural Communities. Is-suċċess li ksibna f'din l-attività kien fenomenali. Ġibna unur lir-raħal tagħna u poġġejnieh bħala destinazzjoni mill-aqwa fost sħabna l-Ewropej. L-aktar ħaġa ta' sodisfazzjon kienet li dan sar bi sforz kollettiv ta' ħafna residenti, inkluż ħafna żgħażagħ, li ħadmu id f'id u bla heda mal-Kunsill għax emmnu fl-għan li għalih konna qed naħdmu. Dawn huma mumenti li ser nibqa' ngħożż.

F'dan li għandu jkun l-aħħar artiklu tiegħi bħala kunsiller, nagħlaq billi nirringrazzja lis-Sindki u sħabi kunsilliera li ħdimt magħhom matul dawn l-aħħar tliet leġislaturi u lir-residenti tal-fiduċja li tawna biex naħdmu fl-interess tagħhom. Nawgura lil dawk li ftit tax-xhur oħra ġejjin warajna sabiex ikunu dejjem gwidati mill-interess tar-raħal u tar-residenti tagħna u jagħrfu jieħdu dawk id-deċiżjonijiet, anke kultant diffiċli, li hu mistenni minnhom bħala rappreżentanti tar-residenti. U fuq kollox li jkomplu jagħmlu isem lin-Nadur.

# Turf Ġdid
# Investiment ta' €70,000

*Installation of New Turf*





Wara tant snin ta stennija, il-Kunsill akkwista fondi mid-Development Planning Fund sabiex jinbidel il-wiċċ tal-Ground P.P Camilleri. Investiment ieħor kbir għal uliedna u l-atleti tagħna.

*New turf installed by Local Council thanks to DPF Funds.*

# Bdil ta' Railings fl-Inħawi ta' Kenuna

*Replacement of Steel Railings at Kenuna Area*





Dawn l-inħawi wkoll se jieħdu dehra ġdida fil-ġimgħat li ġejjin b'investiment ta' €50,000 mid-Development Planning Fund, fejn ser jinbidlu ir-railings kollha u issa ser jinkludu wkoll l-arma tan-Nadur – l-ewwel ta' dan it-tip fin-Nadur.

*New steel railings to be installed soon at Kenuna area (to include Nadur emblem for the first time).*



**Michael Camilleri**
*Kunsillier*

Erba' snin ilu ddeċidejt li noħroġ għall-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali bl-għan li nġib bidla fir-raħal. Erba' snin wara ninsab kuntent li ngħid b'wiċċi minn quddiem li din il-viżjoni ma kinitx biss tiegħi iżda ta' kunsill sħiħ, magħqud. Indirizzajna b'mod għaqli l-problema finanzjarja tal-Kunsill Lokali, u dan qed iħalli l-frott. Rajna kif l-attivitajiet tar-raħal ma nnaqsuhomx però nsibu mezzi differenti ta' kif għandna norganizzawhom; tajna aktar spazju għal talent lokali, tajna opportunità lin-nies tar-raħal jipparteċipaw kemm minn quddiem kif ukoll minn wara l-kwinti. B'dan il-mod inkunu qed inrawmu aktar interess u apprezzament fil-ħidma tal-Kunsill Lokali u nsaħħu l-identità tagħna bħala raħal ta' suċċessi. Għalkemm biddilna għall-aħjar dawk li diġà kien hemm, ma nistax ma nsemmix l-attivitajiet li żidna magħhom. Qed nirreferi għall-attività marbuta mal-Halloween kif ukoll in-Nadur 8K – suċċess wara l-ieħor!

Nagħlaq billi nsemmi x-xogħol tiegħi u b'mod aktar speċjali tas-Sindku, Edward Said fuq il-ġemellaġġi li n-Nadur għandu ma' lokalitajiet oħra barra minn xtutna. Mill-ewwel ġurnata tal-ħidma tagħna, iffukajna biex il-ġemellaġġi mal-lokalitajiet ta' Cicciano (Napli, Italja) u Baveno (Lago Maggiore, Italja) inqajmuhom lura fuq saqajjhom. Wara erba' snin ta' ħidma rnexxielna naslu fejn xtaqna u qed igawdu minnu diversi għaqdiet kulturali tan-Nadur kif ukoll ir-residenti tagħna. Barra minn hekk, fl-2016 ġejna f'kuntatt ma' Zafferana Etnea, lokalità ġewwa Sqallija. Wara 3 snin ta' skambji kulturali bejn iż-żewġ irħula, iffirmajna l-ġemmellaġġ b'mod uffiċjali f'Diċembru 2018. Ħolma oħra li saret realtà!

Erba' snin ta' ħidma. Erba' snin ta' tibdil. Erba' snin qrib kulħadd u ma' kulħadd. Erba' snin ta' ħbiberija sinċiera li wasslet għan-Nadur lura fuq saqajh. Erba' snin li sfortunatament għalija jiġu fi tmiemhom f'Mejju li ġej.

Erba' snin li jibqgħu mnaqqxa f'qalbi.

# It-Tielet Ġemellaġġ għan-Nadur, iffirmat uffiċjalment ma' Zafferana Etnea

## Novembru u Diċembru 2018

*Third Official Twinning for Nadur with Zafferana Etnea*















# Jum il-Kunsill 2018

## Preżentazzjoni ta' Ġieħ in-Nadur 2018

### lil Nadur Youngsters FC, f'għeluq il-50 sena tal-klabb

*Nadur Youngsters FC being presented with Locality Honour for 2018.*









## Kunċert ta' San Koronatu

### fit-Teatru MBC bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali

*St. Coronato Concert in collaboration with LC*



# Quddiesa ta' Jum il-Kunsill

## 2018

*Mass on the occasion of Council Day*





# Ħarġa għall-Anzjani

*Senior Citizens Outing*

# Attività fil-Librerija

## bit-tema tal-Ambjent

*Library Activity with focus on Environmental Awareness*





# Sports Day

## fil-Museum Subien Nadur

*Sports Day at Nadur Boys Museum*

# Milied 2018





Santa Claus is Coming to Nadur 2018



Christmas Street Decorations



Special Christmas Open Market



Maltese Crib Exhibition at Local Council



Christmas Crafts Activity at Nadur Library

# Nadur 8K 2018
# The Christmas Run
## Rekord ta' Parteċipanti

*Record of Participants*











# L-aħħar Żjara tal-E.T President ta' Malta fin-Nadur
## fejn inġabru flus għall-MCCF

*Last official President Visit to Nadur*







# Nadur Nadif



Times are changing and how we managed waste in the past, is having a huge impact on our world today. Seas are full of plastic and our landscape is filled with household and industrial waste. Our air is filled with car exhaust fumes. We all must do our bit to help keep this world as waste free as possible. What better place to start than in our own village of Nadur. Wasteserv has already set up a recycling program and just lately supplied us all with recycling bins. We just all need to try and encourage our neighbours and visitors to the village to do the same. Nadur Nadif is a pro-active group of volunteers, set up by the local council, who are trying to promote, maintain and re-educate the need, to dispose of our waste in the most appropriate manner. We meet every month and also part take in 'clean up' days around Nadur.



Through our meetings the council has introduced more waste bins around the village and has also taken on board any 'cleaner options' we have come up with. A small start to help the problem of unwanted waste, but then everything that is good starts off small. Let us all start off small together.



# Karnival Organizzat 2019

*Nadur Organised Carnival 2019*

















# Karnival Spontanju 2019

*Nadur Spontaneous Carnival 2019*
















# Ħarga Speċjali għall-Anzjani f'Malta

*Special Outing in Malta for Senior Citizens – March 2019*





# Kors Għaqal fid-Dar fis-Sala tal-Kunsill Lokali

*Special Course re Management at Home*

# FMVA Vintage Motors Festival 2019

**Nadur Square**





# Ktieb 'Ngħixu Ħajja Sabiħa' ta' Dr. Michael Galea

**ppreżentat lil Librerija Pubblika**

*Latest pubblication by Dr. Galea presented to Nadur Library*

# Kollaborazzjoni kontinwa mill-Kunsill Lokali

*Continuous Collaboration with different Organisations*





**Għaqda Dar Franġisk Grima b'Mawra f'Cicciano (fejn aħna ġemellati)**
*Group of Dar Franġisk Grima with a trip to Cicciano*



**Soċjetà Filarmonika Mnarja b'Mawra f'Baveno (fejn aħna ġemellati)**
*Philarmonic Society with a trip to Baveno*



**Għajnuna lil Mnarja Live b'investiment f'Microphones ġodda**
*Assistance to Mnarja Live with new Microphones*



**New Aircondition installed at Nadur Library**

# Aktar Kollaborazzjoni mill-Kunsill Lokali

*More Collaboration by Local Council*



**Presepju Ħaj u Ċenaklu Ħaj minn Għaqda Ħbieb tal-Presepji Nadur**
*Live Crib and Live Cenacle*



**Festa ta' San Blas**
*San Blas Feast 2019*



**Mnarja Song Festival 2018**

# Tingħata Residenza Onorarja lil Pietro Bernardo (Cicciano)

*Honorary Residence to Pietro Bernardo (Cicciano)*



**Insaħħu r-Relazzjonijiet Internazzjonali**
*Strengthening further the International Relations*



**Charter Adults in Poland (Strzyzow)**




**Youth Charter Meeting in Croatia (Tisno)**

# Proġetti u inizjattivi ppjanati għax-xhur li ġejjin

*Planned projects and initiatives for upcoming months*

Wifi4EU Initiative – Il-Kunsill Lokali ġie magħżul sabiex jingħata €15,000 fondi minn programm Ewropew li ser jintużaw għall-installazzjoni ta' Wifi ġdid u b'saħħtu fiċ-Ċentru tal-Lokalità.

*Nadur Local Council has been awarded funds to install new and stronger wifi at Nadur Centre.*

Urban Greening Project – Il-Kunsill Lokali ntagħżel ukoll minn Ambjent Malta u ser jingħata €30,000 fondi għal installazzjoni ta' aktar siġar u planters fin-Nadur.

*Funds awarded to Nadur Local Council under this project to install more planters and trees.*



Miżura 4.4 – Rural Development Program – Il-Kunsill Lokali qed japplika taħt din il-miżura sabiex jitranġaw il-ħitan tas-sejjieħ tat-triq ta' Daħlet Qorrot.

*Local council is applying under this measure for funds to re-construct rubble walls at Daħlet Qorrot Street.*

Automatic External Defibrillator – Il-Kunsill Lokali ġie magħżul minn Malta Cadets sabiex jiġi nstallat AED fil-Pjazza f'każ ta' xi l-ewwel għajnuna relatata ma' attakk tal-qalb.

*Nadur was chosen by Malta Cadets to install an AED at the square.*



# Investiment ta' €20,000 f'Rubber Mats u Equipment Sportiv fil-Belvedere Cocco Palmeri

*Investment in new Rubber Mats and Gym Equipment in Belvedere Cocco Palmeri*



B'fondi mid-Development Planning Fund (Awtorità tal-Ippjanar), il-Kunsill Lokali ħa anke ħsieb dan l-ispazju rikreattiv li issa mhux biss se jitgawda għal veduti sbieħ iżda anke permezz ta' Gym Equipment u rubber mats ġodda. B'hekk dan il-Kunsill iddedika fondi għal kull spazju rikreattiv fin-Nadur matul il-leġislatura.

*Through DPF (PA) funds, the Nadur Local Council installed new gym equipment and cushions.*





